FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 5**

**Avviz. numru 227/00JR**

**Perit Alexander Bezzina u Perit Keith Cole f'isimhom proprju u ghan-nom tas-socjeta' BAC Ltd**

**vs**

**Tal-Maghtab Construction Ltd**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Frar, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250.00), rapprezentanti drittijiet professjonali.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 4 ta' Novembru, 1999 u bl-imghaxijiet legali sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fit-30 ta' Mejju 2000, fejn intqal:**

**Illi s-somma pretiza mill-atturi rapprezentanti drittijiet professjonali mhiex dovuta stante illi x-xoghol in konnessjoni ma tali drittijiet ghadu ma giex esegwit mill-atturi.**

**Semgha x-xhieda ta' Marisa Zammit u tal-Perit Alexander Bezzina. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **It-Tribunal semgha x-xhieda ta' Marisa Zammit, segretarja ta' BAC Ltd.. L-Avukat tal-konvenut oppona ghal din ix-xhieda in kwantu l-istess xhud mhix kompetenti li tixhed in rapprezentanza ta' BAC Ltd, u m'ghandha ebda kariga ma' l-istess socjeta`, u lanqas ma hi debitament awtorizzata. Fil-fehma tat-Tribunal dawn l-argumenti ma jreggux. Ix-xhieda ta' l-istess Zammit hija valida. Din qed tixhed fil-vesti taghha ta' segretarja tas-socjeta` BAC Ltd, kif ukoll bhala l-persuna li tiehu hsieb personalment tibghat il-kontijiet tas-socjeta`.**

2. **Intalab ukoll l-isfilz tad-dokumenti esebiti mill-istess Zammit, Dok.MS, MS1 u MS2. peress li dawn huma kopja fotostatika mhux awtentikati. It-Tribunal fir-rigward, ghalkemm ma sabx din it-talba ghall-isfilz gustifikata, ordna li l-istess dokumenti jigu konfermati bil-gurament. F'dan ir-rigward xehed il-Perit Alexander Bezzina, Direttur ta' BAC Ltd,**

**li kkonfermahom. Ikkonferma wkoll li kien hemm kontestazzjoni dwar id-Dok.MS1, pero` hu qal li l-ammont huwa dovut.**

**3. Jirrizulta li l-ammont mitlub sar a bazi ta' kejl ta' xoghol li sar mill-kuntratturi stess, xoghol li gie esegwit u mkejjel.**

**4. Skond ittra datata 7 ta' Lulju, 1999, is-socjeta` konvenuta kienet talbet li jigi rivedut il-kont. Jigi rilevat li giet esebita fotokopja ta' din l-ittra Dok.TMC1, la awtentikata u lanqas konfermata bil-gurament.**

**5. Fil-fehma tat-Tribunal, filwaqt li l-atturi gabu l-provi kollha necessarji biex jippruvaw li l-ammont hu dovut, is-socjeta` konvenuta ma gabet ebda provi biex tipprova l-allegazzjonijiet li ghamlet. Ghalhekk l-ammont mitlub jirrizulta li huwa dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur proprio et nomine s-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250.00) bl-imghaxijiet legali mit-12 ta' Mejju, 2000 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datat 4 ta' Novembru, 1999, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**